MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 85/2011

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi permezz ta' dan ir-rikors l-esponent qieghed jitlob rispettosament li din il-Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-

komunjoni ta’ l-akkwisti esistenti bejn il-partijiet, ai termini ta’ l-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet;

2. Jinghad fl-ewwel lok illi filwaqt li l-esponent kien intavola da parti tieghu din il-kawza ghall-ksib tas-separazzjoni legali, mart l-esponent ukoll da parti taghha intavolat kawza simili li kif gja’ dekretat minn din il-Qorti hi miexja flimkien mal-kawza odjerna (C B vs A B, Rik. Gur. 86/11 AL);

   Il-kontendenti **t-tnejn qeghdin jitolbu** ‘inter alia’, il-likwidazzjoni u xjoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti;

3. Illi l-artiklu 55 tal-Kap. 16, precitat, jistipula li qabel jigi ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-konjugi, il-Qorti ‘**ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat** bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda’;
4. Illi fil-fehma umili ta’ l-esponent, kif jidher ukoll mill-provi li qeghdin jingabru mill-perit legali, liema gbir jinsab fi stadju inoltrat, il-waqfien tal-komunjoni qabel tigi biex tkun deciza din il-kawza kif ukoll il-kawza l-ohra ntavolata kif spejgat m’ghandu jwassal ghal ebda pregudizzju mhux proporzjonat;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

i. Tordna l-waqfien tal-komunjoni ta’ l-akkwisti esistenti bejn il-partijiet kontendenti kif ikkontemplat skont l-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
ii. Tordna li s-sentenza relattiva tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b’dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi t-talba tal-attur ghall-hall tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha tigi respinta bl-ispejjez billi l-esponenti tissottometti reverentement l-hall ta’ l-istess komunjoni kemm il-darba ordnata pendente litem minn dina il-Qorti sejra ggib pregudizzju sproporzjonat ghall-esponenti;
2. Illi l-esponenti tissottometti illi tali pregudizzju jikkonsisti fil-fatt illi l-kontendenti ghandhom tifla, X, li ghandha tmien snin illi – bhal

kull tifla ohra – tinhtieg kontinwament l-attenzjoni tal-esponenti fit-trobbija taghha;

3. Illi ghaliex l-attur telaq mid-dar konjugali u – skont ma tifhem l-esponenti – qieghed issa jikkoabita ma’ mara ohra, il-piz ta’ tali trobbija jaqa’ kollu kemm hu fuq l-esponenti;
4. Illi ghalhekk u proprju sabiex tippresta l-kura mehtiega lit-tifla tal-familja, l-esponenti m’hiex fi grad timpjega ruhha full-time u wisq anqas ma hi fi grad tingagga ruhha fi kwalunkwe attivita’ kummercjali. Minn naha l-ohra l-attur huwa ghal kollox liberu minn dan l-obbligi u hlief ghall-ftit sieghat ta’ access illi jqatta fil-gimgha mat-tifla, huwa ghal kollox liberu illi jiggenera d-dhul kbir ghalih innifsu u jingagga ruhhu f’attivitajiet kummercjali minghajr ma jaghti qies lill-ezigenzi tat-tifla;
5. Illi l-Ligi ma tridx dawn id-differenzi ekonomici fi familja wahda u wisq anqas trid illi parti mizzewga tigi ekonomikament penalizzata ghaliex tkun qeghda tiddedika ruhha – fl-interess komuni – ghat-trobbija ta’ wild komuni;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi ir-rikors thalla ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex pendenti l-kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jaghtiha l-fakolta’ sabiex f’kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta’ firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta’

residwu taht amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid necessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kap. 16.

Ir-rikorrent jishaq li m'hemm xejn xi jwaqqaf lil din il-Qorti milli tilqa' t-talba tieghu u dan *stante* li hadd mill-partijiet m'hu ser jigi pregudikat.

Min-naha taghha l-intimata topponi ghal din it-talba bl-aktar mod assolut ghaliex tikkontendi li filwaqt li r-rikorrent (f'kaz li l-Qorti tilqa' t-talba odjerna) ser ikun f'posizzjoni li jingagga ruhu f'attivitajiet kummercjali u jkollu introjtu tajjeb, l-istess intimata ser tkun mghobbija bil-piz tat-trobbija tal-minuri wahedha. Tghid li m'hijiex f'posizzjoni li tahdem proprju minhabba l-istess minuri u li l-ligi ma tridx dawn id-differenzi f'familja wahda jew li jkun hemm parti mizzewga li tigi ekonomikament penalizzata ghaliex tkun qieghda tiddedika ruhha ghat-trobbija tal-wild komuni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Sharon Cross tas-17 ta' Jannar 2013[1] u li permezz taghha tiddikjara li l-intimata taf fejn toqghod u li r-rikorrenti mhux l-ewwel darba li mar ghandha jew li raqad ghandha wkoll peress li spicca bla dar. Jigi rilevat li tali xiehda, ghalkemm jista' jkollha piz fuq il-mertu tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet, fil-verita' ma titfa' ebda dawl fuq it-talba odjerna *stante* li dak li trid tiddeciedi l-Qorti huwa jekk tali talba tistax tippregudika xi wahda mill-partijiet jew le f'dan l-istadju. Fejn jorqod ir-rikorrent u ma' min ikun m'ghandu ebda piz fuq il-kwistjoni odjerna.

[1] Esebita a fol 11 tal-process

Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Malcolm Saliba[2] is-sieheb il-gdid tal-intimata li jghid illi kemm –il darba jiltaqa' mal-istess intimata u li naturalment issa sar jaf ukoll il-familjari tal-istess intimata pero' bhal fil-kaz tax-xiehda ta' Sharon Cross xejn ma jitfa' dawl fuq il-kwistjoni odjerna.

Issir referenza wkoll ghall-*Memorandum of Association* tal-kumpanija VJM Properties Limited[3] fejn jidher bic-car li l-intimata hija *share-holder* fl-istess kumpanija b'dan li r-rikorrent ma ffirmax l-istess dokument u lanqas biss huwa msemmi.

Issir referenza wkoll ghar-rikors tal-istess intimata datat id-29 ta' Mejju 2013 u li permezz tieghu talbet l-awtorizazzjoni sabiex issiefer flimkien mal-minuri f'Parigi, Franza u rikors iehor bl-istess ghan, din id-darba datat il-11 ta' April 2014 bid-destinazzjoni tkun Barcelona fi Spanja;

Issir referenza ghax-xiehda tal-intimata[4], fejn wara li taghti spjegazzjoni ta' fejn kienet tahdem u x'kienet taghmel, tiddikjara li minn mindu ghalqet il-kumpanija ta' huha f'Dicembru 2012, waqfet tahdem. Tghid li ghalkemm kienet bghatet xi Cvs, kellha problema peress li tigi spiss il-Qorti u l-Kurja. Tiddikjara li bhalissa m'hijiex qed tfittex xoghol. Imbaghad tidhol fi kwistjonijiet tal-post u li gew imhallsa mill-kumpanija ta' missierha u xi flejjes ohra li wkoll thallsu minn missierha jew il-kumpanija tieghu. Tispjega li kienet saret donazzjoni b'dan li l-binja kienet lesta qabel iz-zwieg.

Mit-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet jirrizulta li min-naha, r-rikorrent jikkontendi li l-intimata tista' facilment tahdem (anke tenut kont tal-flessibilita' li ghandha permezz tal-kumpanija ta' missierha) izda tirrifjuta li taghmel dan u min-naha l-ohra, l-intimata tikkontendi li jekk tali

[2] Esebita permezz ta' nota datata l-20 ta' Gunju 2014
[3] Esebit permezz ta' nota datata l-20 ta' Gunju 2014
[4] Datata t-28 ta' Marzu 2014

talba tigi milqugha, ser tkun pregudikata billi titlef sehemha mill-gid komuni.

Il-Qorti. wara li kkunsidrat il-provi kollha migbura quddiemha, anke tenut kont tal-fatt li kwantu ghad-drittijiet tal-intimata naxxenti miz-zwieg, ghal dak li jirrigwarda manteniment (ghalkemm il-Qorti qed taghmilha cara li mhux qed tippronunzja ruhha f'dan ir-rigward fil-konfront tal-partijiet izda qed tghid dan bhala principju generali applikabbli ghal kullhadd), ma jistghux jigu mittiefsa bit-talba odjerna peress li jekk tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti mil-lum, l-obbligi tal-manteniment kemm versu r-ragel jew il-mara kif ukoll lejn l-ulied jibqa' vigenti bejn il-partijiet. L-istess irid jinghad ghal dak kollu li jaqa' taht il-kappa tal-komunjoni tal-akkwisti jew xi immobbli parafernali tal-istess partijiet *stante* li t-talba odjerna tkun applikabbli mid-data ta' dan id-digriet 'il quddiem u mhux b'mod retroattiv.

Il-Qorti taghmilha cara wkoll li ma tarax li huwa minnu li l-intimata tista' tigi pregudikata f'kaz li l-komunjoni tal-akkwisti tigi xolta minn issa 'l quddiem u dan anke in vista tal-fatt li jirrizulta car (ghall-anqas sa' issa) li hija l-istess intimata li ghandha l-ishma f'isimha. Pero' dan kollu ma jfisser xejn ghaliex wara kollox, kif diga' inghad, dak li issa huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u decizjoni dwar il-qasma tal-proprjeta' taghhom. Dak li qed jintalab mir-rikorrent huwa biss li l-istess komunjoni tal-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh. Lanqas ma jista' jinghad li ser ikun hemm xi pregudizzju abbazi tal-fatt li l-intimata qieghda trabbi lill-minuri. Fil-hajja tal-lum il-maggor parti tal-genituri jahdmu t-tnejn u l-fatt li jkollok l-ulied ma jimpedikx milli tahdem. Anzi llum il-gurnata hawn fakultajiet kbar li jaghtu opportunitajiet lil min irid jahdem sabiex jaghmel dan minghajr problemi ta' xejn. Ghalhekk l-argument tal-intimata li ser issofri pregudizzju abbazi tal-fatt li qed tiehu hsieb lill-minuri ma jistax iregi ghaliex kif diga' inghad aktar 'il fuq, tali talba m'ghandha ebda piz fuq il-minuri stante li l-manteniment ghall-istess minuri huwa kawtelat u m'huwiex milqut b'din it-talba.

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti hekk kif dedotta fir-rikors tieghu datat il-11 ta' Marzu 2014 u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez dwar din is-sentenza jigu decizi mas-sentenza finali b'dan li r-rikorrent ghandu a spejjez tieghu jinnotifika b'din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------